# MALTA TKABBAR ĠRAJJIETHA

Kull ġens, kbir jew żgħir, għandu l-ġrajja tiegħu u ta' artu. Akbar u isbaħ ma tkun ġrajjietu, aktar dak il-ġens ikollu biex jiftaħar u jitkabbar. Mhux għax ġens ikun kbir ifisser li jkollu ġrajja kbira jew għax żgħir ikollu ġrajja żgħira. Wieħed mill-iżgħar ġnus li jgħammar waħda mill-iċken artijiet għandu ġrajja hekk tal-għaġeb li xxejjen ġrajjiet ta' ġnus bil-wisq akbar. Dak il-ġens ċkejken huwa l-ġens Malti; dik l-art ċkejkna ta' ġrajja kbira hija Malta.

Malta, din il-gżira ħelwa f'nofs baħar tan-nir; din il-warda sabiħa li ġmielha jsaħħar lill-barrani; din il-ġawhra tal-Mediterran li minnha xxennqu f'kull żmien l-aktar ġnus setgħana; din l-art ġrajjuża li rat it-twelid u l-mewt tal-ġnus li rebħu d-dinja fi żmienhom, u għalhekk dewquha t-togħma qarsa jew ħelwa tal-ħakma tagħhom; din il-fortizza qaddisa u qalbiena li qdiet ta' tarka għat-twemmin nisrani u għaċ-ċiviltà; bi kburija nistqarruha Art Twelidna.

Aħna ġens għalina u mhux biċċa minn xi ħadd ieħor ġens wieħed għalkemm ċkejken, sħiħ u magħqud. Għandna artna kollha kemm hija tagħna li ħadd ma jista' jħaqqaqha għal xi biċċa minnha. Għandna demm Malti li jingħażel bil-qlubija mid-demm beżżiegħi u ġiefi ta' min, għall-ħsieb ta' rasu, isejħilna ħutu. Għandna wkoll ilsien għalina, safi u ħelu, li jaf eluf ta' snin u mhux biss mijiet; ilsien li ma qerditu ebda gwerra qalila, ebda tfixkil u tnassis, ebda qerq u qawwa; ilsien li llum, fir-rebħa kbira tiegħu, huwa meqjum u mfaħħar, u li, b'inkejja ta' l-egħdewwa tiegħu qiegħed jissieħeb ma' l-ilsna l-oħra ta' kull ġens u jsemma leħnu ma' l-erba' rjieħ tad-dinja mill-qalba ta' l-akbar Imperu.

Ġarrab bis-sabar il-ġens Malti u wera mħabba safja lejn Art Twelidu sa ma fdieha bi ħlas ta' 30,000 fjorin lir-Re Alfonsu ta' Spanja. Tqabad u wera l-qlubija tiegħu fl-Assedju l-Kbir ta' l-1565, meta, flimkien ma' l-Irħieb ta' San Ġwann, xejjen darba għal dejjem l-għadu Tork u ħeles lil Malta, lir-Reliġjon Nisranija u ċ-Ċiviltà ta' l-Ewropa mill-qilla tan-Nofs Qamar. Wera snienu l-Malti meta waħħal f'rasu li jkeċċi lill-Kavalieri taħt Hompesch li ma kien baqgħelhom jagħmlu xejn ħlief jitgħażżnu, jissagħkru u jinbxu lix-xbejbiet u n-nisa Maltin. Tqabdu u rebħu missirijietna meta ma felħux joqogħdu aktar taħt il-ħakkiema Franċiżi li, wara li xorbulhom demmhom,

ħabtu jneżżgħulhom l-egħżeż wirt tagħhom, il-Knejjes u l-Imqades. Ma naqsux il-Maltin tal-bieraħ li jwieġbu għas-sejħa ta' l-armi fuq l-art u fuq l-ibħra meta d-dinja kienet mhedda mill-jasar tal-Ġermanja tal-Kajżer.

Il-lum, għal darba oħra, art il-ġens Malti hija mhedda mill-qawwa tal-għadu li jrid ixejjinha. Iżda Malta, qalbiena bħaldejjem, ma hix turi biża' jew nuqqas ta' tama fir-rebħa. Il-ġens Malti, wild tagħha, għadu Malti bħal fl-imgħoddi, u aktar, għaliex ma' tul l-aħħar mitt sena ta' ħajja ħielsa taħt il-ħarsien tal-bandiera Ingliża, il-ġens Malti seta' jagħraf lilu n-nifsu u jingħaqad b'għoqod isħaħ minn ta' missirijietna. Malta, il-lum, tħoss ruħha kburija, għaliex, bħalma wliedha fl-imgħoddi tħabtu biex naqqxulha fil-ktieb ta' l-istorja paġni ta' ġieh u ta' glorja, hekk ukoll issa, il-ġens Malti, bi qlubija tal-għaġeb beda jissokta jkabbrilha, isebbħilha u jagħnilha l-Ġrajja tagħha.

Mhux ħsieb tiegħi li nġedded il-fakra ta' ġrajjiet l-imgħoddi, li ntenni d-damma ta' ġrajjiet li għaddew minn għala d-dinja sa ma wassluha fit-taqtiegħa tal-biża' li tinsab fiha. Kull Malti u kull bniedem ieħor li huwa mħares mill-Bandiera Ingliża, kien u għadu ħieles li jifli dawk il-ġrajjiet bir-reqqa. U la nafu x'ġara, nafu xinhu l-għan li għalih l-Ingilterra u l-Imperu tagħha qegħdin jiġġieldu. Fi ftit kliem, irrid nuri kif aħna l-Maltin, b'dan is-sehem mhux żgħir li messna f'din il-Gwerra qegħdin insebbħu f'għajnejn id-dinja, il-Ġrajja ta' Gżiritna.

Fit-3 ta' Settembru tas-sena l-oħra, kif il-leħen kiebi ta' Mr. Chamberlain instema' jidwi ma' l-erba' rjieħ bl-aħbar li l-Ingilterra daħlet fil-gwerra, Malta wieġbet bla tlaqliq jew biża', bħalma wieġbu d-Dominji u l-Kolonji l-oħra ta' l-Imperu. Il-Gvern ta' Malta, f'isem il-Maltin kollha, qata', bħall-gvernijiet l-oħra, li l-ġlieda ta' l-Ingilterra tkun il-ġlieda tagħna.

Il-gwerra sabet lill-Maltin f'kull naħa ta' l-Imperu, f'kull roqgħa ta' l-ibħra, f'artijiet newtrali u, saħansitra f'artijiet tal-għadu. Kemm dawn u kemm aħna hawn Malta, ilqajna b'għoġba d-deċiżjoni tal-Gvern Ingliż u hejjejna rwieħna għal kull ma kellu jiġri.

Il-Maltin fuq l-iġfna ta' kull għamla u daqs li huma l-Flotta Ingliża, l-akbar tarka tal-Ħelsien, flimkien ma' Maltin oħra li ssieħbu magħhom kif faqqgħet il-gwerra, bdew ix-

xogħol tqil u ta' bla heda, ta' għassa, ta' taqbid u ta' ħarsien, b'għan li rnexxa tassew li jikinsu l-egħdewwa minn wiċċ u qiegħ l-ibħra ħalli l-kummerċ Ingliż jibqa' miexi bla ħafna tfixkil. Baħħara Maltin oħrajn instabu, fejn għadhom, fuq l-iġfna merkantili, jaqdu ta' għajnuna bla qies, b'sogru ta' ħajjithom, biex l-Imperu Ingliż ma jsib ruħu qatt wiċċ-imb-wiċċ mal ġuħ jew man-nuqqas ta' l-armamenti meħtieġa għat-tmexxija tal-gwerra.

Ħafna minn dawn il-baħrin qalbiena sabu ruħhom bosta drabi jitqabdu mal-mewġ u l-ħalel qerrieda, u oħrajn, saħansitra, ġarrbu l-għarqa meta l-iġfna tagħhom ħebbu għalihom bla ħniena l-ajruplani, jew ġew mgħarrqin minn sottomarini, inkella minn mini manjetiċi li l-għadu żera' fl-ibħra bla ebda skrupli għal-liġijiet internazzjonali. Oħrajn tilfu ħajjithom meta l-iġfna tagħhom kienu jaqdu, jew temmew, dmirhom waqt taqbid aħrax.

It-tixrid tal-mini manjetiċi ħtieġ tiknis bla dewmien. Fost il-mijiet li minn jeddhom daħlu għal dil-biċċa xogħol ta' sogru għadd sabiħ ta' Maltin kienu minn ta' l-ewwel.

Ukoll fuq l-art, imseħbin mat-truppi Ingliżi, il-Maltin kienu minn ta' l-ewwel li iffruntaw sidirhom fl-egħlieqi tat-taqbid. Fi Franza, fil-Belġju, fin-Norveġja, Malta kellha s-sehem tagħha u tħossha kburija fiċ-ċokon tagħha, li fi ġrajjiet li qatt ma jmutu, bħal dawk ta' Dunkirk u Narvik, uliedha kienu fost il-qalbiena li naqqxu dawk il-paġni glorjużi fl-akbar ġrajja ta' l-Imperu.

Fuq l-art, il-Maltin mhux biss bħala suldati qegħdin juru ħilithom u qlubithom, imħeġġa mill-imħabba safja lejn l-Ingilterra. Kemm jekk huma ħaddiema fit-tarżnarijiet u fil-fabbriki. Kemm jekk huma ħaddiema ċivili, il-lum jinsabu qalb waħda ma' l-Ingliżi iġarrbu b'tama ħajja u b'sabar tal-għaġeb, il-bumbardamenti qerrieda li, jagħmlu ħerba kemm jagħmlu, ma jirnexxilhom qatt imewtulhom il-moral għoli tagħhom.

Is-sejħa ġiet mismugħa u mwieġba wkoll hawn Malta. Mhux biss li l-Maltin xterdu ma' l-artijiet tal-Mediterran biex jaqsmu fil-ġieh u r-rebħ, kif ukoll fit-tbatijiet, tat-truppi Ingliżi; din id-darba, Malta tat xi ħaġa aqwa. Din il-Gżira ċkejkna bagħtet f'isimha għadd sabiħ minn uliedha fl-Eġittu sabiex, flimkien ma' wild il-Kolonji u d-Dominji l-oħra,

iħarsu s-sħuħija ta' l-Imperu u l-idijali egħżież li għalihom huwa magħruf u msemmi.

X'sar hawn Malta? Mhux la kemm wieħed iwieġeb. F'Malta twaqqfu ħafna għaqdiet ta' kull xorta, minsuġin f'xulxin b'ħeġġa waħda, hekk li l-koll flimkien jagħmlu għaqda waħda, għaqda sħiħa u qawwija li, meta ġie ż-żmien biex turi x'issarraf, uriet li hija mibnija fuq sisien li l-għadu ma jista' qatt iġarraf.

Fl-10 ta' Ġunju, l-Italja Faxxista, jew aħjar, Mussolini mgħammex bil-qawwa ta' Hitler u r-rebħiet tiegħu, u mogħmi bil-ħsieb li b'nefqa żgħira jkollu kisbiet kbar, dar fuq Franza li kienet fl-afja tal-mewt u wettaq l-għamil ġiefi tiegħu. Mussolini ma damx ma ntebaħ kemm il-ħolm tiegħu kien fiergħ. Ma damx ma stenbaħ u ra s-sewwa. Id-Dittatur Faxxista kellu, jew aħjar, ikollu jitqanna jiġġieled ma' l-akbar u l-aktar Imperu qawwi, ma' ġnus magħqudin li la jbeżżagħhom it-theddid u lanqas tregħidhom il-qawwa. Fost dawn il-ġnus, Mussolini sab lill-Ġens Malti li huwa kien igħodd bħala nitfa li tixxejjen b'daqqa waħda u mhux kbira.

Malta sabet ruħha fil-linja quddemija tat-taqbid. Minn kmieni fil-għodwa tal-għada, l-Italja, li tant kienet wegħditna ward u żahar, bdiet tagħtina xhieda tal-qerq tal-propaganda tagħha. Anqas biss ilħaqna twarrabna f'imkejjen kemmxejn aktar kennija, li ma bdewx jersqu l-ajruplani taljani fuq il-Gżira ħelwa tagħna u jitfgħu fuqna l-bombi qerrieda tagħhom. Bdew iħebbu għalina bla heda, b'għan li ma kienx ieħor ħlief li jwerwruna u joqtlulna l-ħeġġa qawwija tagħna. Dan ma seħħx. Kif seta' jseħħ meta aħna wild dawk il-Maltin li ma qatgħux qalbhom mit-Torok fl-1565? Mhux il-ħeġġa qatlulna. Qatlulna, u qegħdin joqtlulna, lil uħud minn ħutna fil-ħerba ta' djarhom. Mhux is-sisien tal-għaqda tagħna ġarrfulna. Ġarrfulna, u qegħdin iġarrfulna, id-djar li ngħammru fihom fis-sliem u fil-ħelsien. Għamil l-egħdewwa mhux talli ma tfilniex il-ħeġġa jew mewtilna l-qlubija, talli qdiena ta' xrara li kebbsitilna fina l-ħrara li nitqabdu għall-ħelsien u għar-rebħa, ħrara li l-lum ġa ġiet imfaħħra mid-dinja li qiegħda tisma' mistagħġba bil-waqfa glorjuża tagħna u li kisbet għall-Gżira tagħna l-Isem sabiħ ta' l-"Ingilterra ċ-Ċkejkna".

Il-Ġens Malti għaddej minn żmien ta' tiġrib kbir; iżda bħal fl-imgħoddi, qed iġarrab bis-sabar, b'tama sħiħa li fl-aħħar mill-aħħar, terġa' tiddilu s-Sliema. Mhux biss tqawwilna

qalbna l-qawwa ta' l-Ingilterra li qiegħda tħarisna bil-flotot, bl-ajruplani u bid-difiżi ta' l-art; inħossuna wkoll żguri minna n-nfusna. Kull meta l-għadu jħebb għalina, ikun qed jeħodha ma' ġens magħqud b'rieda sħiħa li jħares dan ix-xiber art li hu Art Twelidu.

It-tweġiba taż-żgħażagħ Maltin għas-sejħa ta' l-armi kienet tal-għaġeb u tisthoqq foħrija. Barra minn dawn qegħdin isebbħu ġrajjet Malta wkoll kull wieħed u waħda minna, xjuħ, żgħażagħ u tfal; irġiel u nisa; subien u bniet. Fi ftit kliem, jonqox u jkabbar ġrajjiet Artna kull Malti li jgħin biex niksbu r-rebħa.

Il-lum, il-gwerra mhix biss bejn is-suldati, bejn il-baħrin u bejn il-bdoti. L-egħlieqi tat-taqbid waslu sa fi djarna, saħansitra sa sodditna. Mhux il-gwerrieri biss qegħdin iċarċru demmhom u jħallu ħajjithom. Il-lum, qegħdin jindebħu wkoll tfal bil-ġugarelli f'idejhom, ommijiet b'uliedhom mgħannqin magħhom, żgħażagħ bil-ħolm ta' żgħużithom bla mwettaq, u saħansitra trabi reqdin fin-nieqa tagħhom. Il-koll għandna sehem f'din il-gwerra. Suldati huma l-ħaddiema li bla biża' jissoktaw il-ħidma tagħhom. Suldati n-nisa tagħna li għadhom u jibqgħu jieħdu ħsieb djarhom bil-bżulija u bil-għaqal ta' qabel. Suldati t-tfal Maltin għaliex huma wkoll għandhom sehemhom f'din il-gwerra. Alla jberikhom it-tfal Maltin, għadhom ferħanin bħal qabel. Ma tilmaħx f'idejhom ħlief ajruplani tal-logħob; tarahom b'ħerqa jilagħbu tas suldati; saru jagħarfu l-fighter mill-bomber; u ma jgħajtux ftit bil-ferħ meta jilmħu l-ajruplani tagħna jittajru fissema kaħlani. Ukoll waqt l-attakki, jitħajru jaraw lill-ajruplani jitqabdu. Din il-ħeġġa fit-tfal Maltin tqawwi qalb il-kbar u tissokta tħeġġiġhom biex jagħmlu l-almu tagħhom.

Paġna oħra sabiħa li l-ġens Malti qed isebbaħ f'din il-gwerra hija l-għoti ta' flus li qed jingħata biex igħin għall-ksib tar-rebħa. Il-Maltin ħarġu flushom bil-ħeġġa u bl-imħabba li missirijietna wrew meta ġabru bejniethom is-somma ta' 30,000 fjorin għall-fidwa ta' Gżiritna. Eluf ta' liri nstiltu minn bwiet il-Maltin biex jittaffu t-tbatijiet tal-Maltin ħutna li sfaw bi djarhom imġarrfa jew li kellhom jiċċaħħdu minn djarhom minħabba l-attakki qerrieda ta' l-egħdewwa. Eluf ta' liri nġabru mill-Maltin biex jixtru ajruplani tat-taqbid għar-Royal Air Force biex iħarsulna Gżiritna. Eluf ta' liri ngħataw biex twaqqfet Ambulanza Maltija li qiegħda tagħ-

mel ix-xogħol umanitarju tagħha fil-ħerba li qiegħda ġġarrab l-Ingilterra.

Din il-ħeġġa, din il-qlubija u din il-fehma sħiħa fina l-Maltin, jimlewna bit-tama tar-rebħa. U din it-tama tissokta tikber fina għaliex għandna tħarisna fuq kollox arma aktar qawwija mill-kanuni u mill-ajruplani. Din l-arma setgħana hija t-Twemmin Nisrani, dak it-Twemmin li wassal fir-rebħa lil missirijietna. Jekk qatt dan it-Twemmin deher nieqes mill-ħeġġa f'din il-Gżira mbierka, mhux għax kien tmewwet jew inqered, iżda għax kien maħkum mill-bruda mnissla mit-taħsir tad-dinja moderna mgħargħra fil-frugħa. Il-lum, dak it-Twemmin qaddis reġa' xegħel fi qlubna mill-ġdid bil-qawwa kollha u kull wieħed minna jħoss, jaf, u jemmen illi missierna San Pawl, Sant'Agata u Ommna Marija Santissima, patruni ta' Malta, huma t-tarki li ħelsuna minn tiġrib akbar li mess lil artijiet oħra, u li jibqgħu jaqbżu għalina sa jum ir-Rebħa.

Maltin, mhux biss għandna nkunu kburin li ċ-ċokon tagħna qed jidher fil-kobor tiegħu f'għajnejn id-dinja. Għandna wkoll x'ihennilna qlubna u jgħollilna ġiehna li kellna x-xorti nieħdu sehem f'taqbida għas-sewwa kontra l-ħażen, għat-tagħlim ta' Kristu kontra l-paganiżmu Hitlerjan, għall-ħelsien u għaċ-ċiviltà kontra l-jasar u t-twemmin fil-qawwa. It-taqbida tagħna tixbah lil dik ta' missirijietna. Il-fakra ta' hekk hija biżżejjed biex tħeġġiġna. Mhux biss tħeġġiġna, tqawwilna wkoll qalbna u tiżguralna r-rebħa. Missirijietna, fit-taqbida tagħhom, ħarġu rebbieħa għalkemm kellhom iġarrbu l-madmad tal-għadu weħidhom. Mela, kemm għandna nirbħu aħna meta msieħeb magħna għandna l-aktar Imperu qawwi! Missirijietna ġarrbu l-assedju u ħarġu rebbieħa. Għalhekk kemm għandna nirbħu aħna meta l-ibħra ta' madwar gżiritna huma ħielsa għall-flotot tagħna; meta aħna megħjunin mill-Amerika, għanja u setgħana, u minn Allijati oħra, kbar u żgħar, li fir-rebħa tagħna biss għandhom tama għall-ħelsien u għall-ħajja!

Inqisu, mela, kull wieħed u waħda minnha, li nibqgħu nagħmlu l-almu tagħna, sabiex, jekk hi mir-rieda t'Alla, il-jum ma jkunx fil-bogħod li niksbu s-Sliem għalina, għall-Imperu tagħna, u għal dawk il-ġnus imsejkna li jinsabu mjassra.

Ġużi Mallia.